# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 23 ta' Novembru 2017**

**Rikors Numru: 750/2017 JPG**

**Kawza Numru: 14**

Wara l-mandat ta' sekwestru nru. 898/17, in atti tar-rikors gurament nru. 544/17 JPG, fl-ismijiet:

**Ultralux Furniture Limited**

**VS**

**Schembri Infrastructure Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Ultralux Furniture Limited (C35877) ai termini tal-artikolu 836 (1) (a), (b), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datat fil-11 ta' Awwissu 2017, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk;

*Preliminari*

1. *Fil-21 ta' Ġunju 2017, Schembri Infrastructures Limited (C17388) talbet il-ħruġ tal-mandat nru. 898/17, kontra s-soċjetà esponenti Ultralux Furniture Limited. Bil-ġurament tar-rappreżentant tagħha, bħala kawżali indikat dawk li hija ssejħilhom: "krediti dovuti bħala prezz ta' xogħlijiet esegwiti mir-rikorrenti u danni sofferti riżultat tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet inversi bin-numru ta' reference 611/17 maħruġ nhar l-20 t'April 2017m kif dedotti fil-kontrotalba tar-rikorrenti Schembri Infrastructures Limited..."*

2. *Sejra turi s-soċjetà eżekutata Ultralux Furniture Limited illi dan il-mandat inħareġ purament u unikament bi skopijiet ta' ritorsjoni; dan biss għaliex il-kumpannija esponenti kienet fittxet illi tikkawtela d-drittijiet tagħha skont il-liġi fil-konfront ta' Schembri Infrastructure Limited, wara li din tal-aħħar, bl-aġir tagħha, ikkawżat lis-soċjetà esponenti ammont kbir ta' danni. Sa jiġi muri illi l-mandat intavolat minn Schembri Infrastructure Limited ġie intavolat biss biex jittenta jdgħajjef il-posizzjoni tas-soċjetà esponenti fit-tiftix tal-jeddijiet tagħha. Se jiġi muri inoltre kif għal din ir-raġuni, u għal raġunijiet oħra, il-mandat intavolat minn Schembri Infrastructure Limited kontra l-esponenti Ultralux Furniture Limited ma jiswiex, u li għalhekk, għandu jiġi revokat.*

*Il-Jeddijiet tas-Soċjeta Esponenti*

3. *Jiġi mtenni illi t-talba għall-mandat ta' sekwestru magħmula mis-soċjetà esponenti kien waħda għal kollox ġusta, meritata, u meħtieġa. Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti ma tista' qatt tkun responsabbli għal kwalunkwe danni illi jista' jġib bħala effett tiegħu mandat illi hija intavolat skont il-liġi u bl-akbar responsabbiltà.*

4. *Magħdud mal-premess, ikun bizzejjed li is-soċjetà esponenti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ta'* ***Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd****, deċiża fis-7 ta' Lulju 2004:*

   *Huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*

*Tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi guridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha fil-kawza.*

5. *Intqal ukoll illi mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-deċiżjoni mogħtija f'***Paul Attard noe vs Loreto Abela,** *illi:*

   *Ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' Mandat kawtelatorju*[1] *kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin: l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghal jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghal hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita' gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn.* [2]

6. *Ċertament li fil-mandat intavolat mis-soċjetà esponenti (li dwaru tilmenta s-soċjetà Schembri Infrastructure Limited) ma hemm l-ebda notorjetà; il-mandat magħmul mill-esponenti kien wieħed validu, ġust u meqjus, u li fuq kollox kellu jsir sabiex l-esponenti kemm jista' jkun jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom mill-possibbli tberbiq (u l-konsegwenti insolvibiltà) ta' Schembri Infrastructures Limited kif ukoll sabiex jevitaw kull tentattiv illi dawn tal-aħħar jispustjaw l-assi tagħhom bi preġudizzju għad-drittijiet tal-esponenti u dan in linea ma' dak li ġustament huwa dritt tagħhom skont il-Liġi.*

7. *Imbagħad, l-effetti tal-mandat huwa konsegwenza awtomatika u aċċettata għall-eżistenza tagħhom. L-iffriżar tal-kontijiet ma jista' qatt iservi ta' argument għaż-żamma tal-mandat ta' Schembri Infrastructure Limited għaliex huwa proprju dak l-effett kawtelatorju aċċettat illi huwa jfittex li jikseb. Kif qalet il-Qorti fil-provvediment mogħti fit-2 ta' Jannar, 2016 fl-ismijiet ta'* **Globalair Travel Ltd (C5893) vs Tomie McCarthy gia Makita et (MH)** *"Certament ghalkemm att kawtelatorju ma jistax jkun jew isir b'intenzjoni li jivvessa, pero xorta mhux intiz li jaghti pjacir!". Kompliet illi*

[1] Minkejja illi kif se jiġi sottomess aktar 'l isfel, mhijiex din eżerċitata mis-sekwestranti odjerni l-azzjoni t-tajba, il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti huma xorta waħda applikabbli.

[2] *1934/1997/1JRM, 25 ta' Mejju 2005.*

*"Il-fatt li gie affettwat kont bankarju taghha huwa konsegwenza logika u legali tal-mandat innifsu mhux raguni ta' l-ilment kif minnha mressaq", u allura, ċertament dawn l-effetti ma jagħmilx raġuni għat-tneħħija tal-istess. Kienet filfatt il-Qorti stess illi identifikat l-iskop tal-mandat fil-provvediment taghha moghti fit-23 ta' Ottubru, 2007 fil-kawza fl-ismijiet* **Bartholomeo Bonett et vs George Borg et (JRM)** *"Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu".*

8. *Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti ma tista' qatt tkun rinfaċċjata b'mandat kawtelatorju u mbagħad b'kawża għad-danni għaliex hija sempliċiment eżerċitat dritt illi kellha kull jedd illi teżerċita fil-liġi. <u>Filfatt, il-leġittimità tal-mandat intavolat mis-soċjetà esponenti Ultralux Furniture Limited kontra Schembri Infrastructure Limited ġiet saħansitra sanċita minn din l-Onorabbli Qorti stess, meta fuq talba ta' Schembri Infrastracture Limited illi tirrevoka għal kollox il-mandat (f'rikors revoka fl-ismijiet inversi), b'digriet tal-20 ta' Lulju 2017, hija għażlet li xorta waħda iżommu fis-seħħ</u>. Ma għandhiex dubju s-soċjetà esponenti illi kieku din l-Onorabbli Qorti ħasset illi l-mandat tas-soċjetà esponenti Ultralux Furniture Limited ma kellux isir, hija kienet se tordna r-revoka tal-istess. Dan isaħħaħ il-fatt illi l-mandat tas-soċjetà esponenti Ultralux Furniture Limited kienet wieħed kompletament leġittimu, u għaldaqstant dwaru la għandu jkun hemm pretensjonijiet għal xi danni u wisq anqas mandati f'dan is-sens.*

*Il-Kawżali ta' Schembri Infrastructures Limited*

9. *Lil'hinn minn dan, u b'mod sussidjarju, hemm elementi oħra x'wieħed jeħtieġ jikkunsidra – elementi li lkoll jiġġustifikaw it-tneħħija tal-mandat mitlub minn Schembri Infrastructure Limited. Dan naturalment mingħajr preġudizzju għall-fatt illi hija l-fehma assodata tas-soċjetà esponenti illi la hemm danni sofferti, u lanqas se jkun hemm fil-futur.*

10. *Però lil'hinn minn dan, l-ammont mitlub biex jiġi kawtelat minn Schembri Infrastructure Limited kien fis-somma ta' €84,000. Fir-rikors għar-revoka fl-ismijiet inversi, ippreżentat minn Schembri Infrastructures Limited biex jitneħħa il-mandat preżentat kontrihom, hija provat tispjega l-oriġini ta' din is-somma kawtelata. Jgħidu (**Dok. A**) illi: "... jekk wieħed jikkunsidra rata ta' 6% dan ikum ifisser li kull sena l-esponenti ser tkun qed titlef is-somma ta' €10,500. Tul medda ta' tminn snin (zmien li wieħed jista' jassumi li din il-kawża tista' ddum biex tinqata' definittivament bl-appell) din is-somma titla għal €84,000. Is-somma ta' €84,000 hija għalhekk dannu li wieħed*

*ragjonevolment ghandu jikkunsidra li ser tkun sofferta mis-sekwestrata tul il-kors tal-kawża."*

11. *Din l-ispjegazzjoni (ripetuta mir-rappreżentant tas-soċjetà Schembri Infrastructures Limited tul is-seduta appuntata għar-rikors revoka fl-ismijiet inversi), jeħtieġ tkun analizzata biċċa biċċa, fid-dettall, biex wieħed jasal jifhem fejn għal numru ta' drabi, jimpekka il-mandat kif preżentat:*

***A. Il-kawżali indikati fit-talba għall-ħruġ tal-mandat u l-ispjegazzjoni mogħtija sussegwentement minn Schembri Infrastructures Limited ma jaqblux:***

*Fil-kawżali, ingħad illi s-somma ta' €84,000 kienet rappreżentanti allegati danni (li ex admissis, għadhom ma seħħewx – però dwar dan aktar tard) u xi prezz għal xi xogħlijiet allegatament magħmula. Fl-ispjegazzjoni mbagħad, intqal li s-somma ta' €84,000 tfisser l-allegati danni biss skont kalkolu approssimattiv magħmul, u mhux ukoll il-prezz għall-allegati xogħlijiet indikat preċedentement.*

*Xi jfisser dan? Jista' biss ifisser illi s-soċjetà Schembri Infrastructures Limited riedet akkost ta' kollox tagħmel mandat, anke jekk tivvinta pretensjonijiet li ma jeżistux, purchè tweġġa kemm tista' lis-soċjetà esponenti. Ma kienx jaqdi l-finijiet tagħha li tagħmel mandat għal €4,384.41 li hija qed tgħid li għandha tieħu, iżda kellha ta' bilfors tara kif tagħmel biex tivvinta somma akbar, li tħalli l-effetti devastanti illi hija kienet qegħda tfittex illi tħalli u taqdi aħjar hekk l-intenzjonijiet malizzjużi tagħha.*

***B. L-ammont mitlub biex jiġi ikkawtelat huwa wieħed għal kollox approssimattiv u arbitrarju, dwar possibili danni futuri li jistgħu ma jseħħu qatt! Dan jagħmel il-mandat wieħed irritu u intempestiv:***

*Fl-ispjegazzjoni mogħtija minn Schembri Infrastructure Limited, intqal testwalment illi "... jekk wieħed jikkunsidra rata ta' 6% dan ikum ifisser li kull sena l-esponenti ser tkun qed titlef is-somma ta' €10,500. Tul medda ta' tminn snin (zmien li wieħed jista' jassumi li din il-kawża tista' ddum biex tinqata' definittivament bl-appell) din is-somma titla għal €84,000." Li l-kalkolu sar b'dan il-mod, ġie ikkonfermat minn rappreżentant ta' Schembri Infrustracture Limited waqt xhieda tiegħu fis-smigħ tar-rikors revoka fl-ismijiet inversi.*

*Jingħad fl-ewwel lok illi r-rata' ta' sitta fil-mija utilizzata minn Schembri Infrastructure Limited hija waħda għal kollox arbitarja, bla imqar ħjiel ta'*

*spjegazzjoni mnejn ġiet. Bl-istess mod, l-assunzjoni ta' Schembri Infrastructures Limited illi mhux biss il-kawża se tieħu tmien snin, iżda illi saħansitra se jkun hemm bżonn li xi ħadd jappella, hija assunzjoni għal kollox arbitrarja, biss ipotetika, u ibbażata kompletament fuq ix-xejn. Prattikament, il-mandat allura jfittex li jikkawtela allegati danni li forsi jistgħu jinħolqu tmien snin oħra, dejjem u jekk il-kawża ddum tmien snin u jekk isir appell. Lil'hinn miċ-ċertifikat ta' sfiduċja li Schembri Infrastructures Limited jgħoġobha tagħti lill-Qorti inġustament, ipoteżi fuq ipoteżi ta' ġrajja futura ma għandha qatt tagħti raġuni għall-ħruġ ta' mandat.*

*Intqal f'**Agius vs. Busuttil**, 14 ta' Diċembru 1982, illi biex jinkonkorru d-danni, jeħtieġ: "...il-fatt dannuz illecitu, l-imputabilita' ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu, id-dannu kagunat minn dan l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi ghandhom bilfors jikkonkorru f'delitti civili jew fi kwazi-delitt u jobbligaw l-awtur taghhom ghar-rizarciment tad-danni kagunat". Dan il-prinċipju huwa ibbażat maġġorment fuq dak li jgħallem il-**Baudry-Lacantinerie**, li jgħid illi min għandu pretensjoni għal ħlas tad-danni "deve in conseguenza giustificare un danno attuale e valutabile". Mingħajr dannu kaġunat, ma hemmx azzjoni, hekk kif ukoll allura ma hemmx dritt ta' mandat li jipprċedih – dan b'applikazzjoni tal-massimu prinċipju reż ċelebri minn **Carbonnier:** certain et donc dommage eventuel - li jfisser, li danni ipotetiċi ma jagħtux lok għal azzjoni.*

*Dan il-prinċipju ġie konfermat mill-qrati tagħna diversi drabi, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet ta'* ***Carmelo Abdilla vs Auto Sales Limited (C491)*** *(115/11CFS – 17 ta' Mejju 2011), li fiha intqal illi:*

*"...l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli ta' l- Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina**" deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 fejn inghad: "id-dritt ta' kawtela – cjoe` d-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m'huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat."lli ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix ilkuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".*

*Intqal ukoll illi "Il-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu" (***Desmond Stanley Stewart v. Therese Galea Mangion, Qorti Ċivili, Prim'Awla, deċiża fid-29 ta' Lulju 2005***).*

*F'dan il-każ partikolari, ma hemm l-ebda dritt leġittimu attwali u preżenti, għaliex se mai, u mingħajr ħsara għal dak li ingħad hawn fuq u dak li se jingħad hawn isfel, id-dritt jista' biss jitwieled ma' tmiem il-kawża, jekk jirriżulta (li mhux il-każ) li l-mandat sar inutilment u b'mod malizzjuż. Mingħajr dan it-tip ta' dritt fil-mument tat-talba għall-ħruġ tal-mandat, lok għall-mandat ma hemmx. Evidenti illi kemm fil-mument tal-preżentata tat-talba għall-ħruġ tal-mandat u kif ukoll bħalissa, l-allegati danni huma, fl-aħjar ipoteżi , futuri u ipotetiċi. Kieku ma kienx hekk, kieku ir-reġistru tal-Qorti jimtela' b'għadd ta' mandati ibbażati fuq pretensjonijiet futuri, arbitrarji, u ipotetiċi! Sewwa qalet il-Qorti għalhekk fil-kawża fuq kwotata illi "...l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha" (**Carmelo Abdilla vs Auto Sales Limited**, fuq ċitat).*

*Għaldaqstant, hija l-fehma tas-soċjetà esponenti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara dan il-mandat bħala intempestiv u b'hekk tiddeċiedi illi għandu jiġi revokat fis-sħiħ.*

***Ċ. Apparti dan, il-mandat huwa wkoll intempestiv għaliex il-kawża li segwiet il-mandat li għamlu l-esponenti fil-konfront ta' Schembri Infrastuctures Limited għadha subjudice:***

*B'rabta ma' dak li ntqal aktar 'il fuq, jiżdied illi ma jistax jinżamm mandat ta' sekwestru abbażi ta' "allegati danni" maħluqa minn mandat mirċievi li ġie debitament segwit b'kawża li għadha qegħda tinstema'. Dwar dan, ta' apprendiment partikolari hija s-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-14 ta' Lulju 2011, per Onor. Imħallef J. Zammit McKeon, fl-ismijiet ta' **Victor Micallef vs Ronnie Spiteri et**, fejn qalet, f'sitwazzjoni prattikament identika, illi:*

*Jekk il-konvenuti fil-kawza tal-lum ikkommettew abbuz fil-konfront tal-attur, kif jallega l-attur partikolarment fil-hames paragrafu tar-rikors mahluf odjern, dan ma jistax jirrizulta fil-kawza tal-lum, izda jista` forsi jirrizulta*

*mill-kawza Nru.153/08 CFS fl-ismijiet Ronnie Spiteri et vs Paza Limited et li ghadha sub judice. L-azzjoni attwali tal-attur kif dedotta ma tistax tirnexxi dment li tkun ghadha sub judice il-kawza l-ohra. Biss b`dik il-kawza ssir res judicata jista` Victor Micallef ikun f`qaghda li jidderigi ruhu. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-intempestivita` tal-azzjoni attrici odjerna hija fondata u, abbazi taghha l-ewwel talba, ma tistax tkun milqugha. Fi kwalunkwe kaz, it-tliet talbiet l-ohra attrici ma gewx pruvati.*

*Japplika wkoll għal dan il-għan dak li qalet il-Qorti fis-sentenza ta'* ***Carmelo Abdilla vs Autosales Limited*** *(fuq kwotata), illi "...l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha".*

*Għaldaqstant, hija l-fehma tas-soċjetà esponenti illi għal din ir-raġuni wkoll, din l-Onorabbli Qorti għandha tikkunsidra b'hekk il-pretensjoni tal-jedd bħala wieħed intempestiv, u konsegwentement, intempestiva wkoll it-talba għall-ħruġ tal-mandat ibbażata fuq dan l-hekk imsejjaħ jedd.*

***D. B'mod għal kollox sussidjarju, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-effetti reklamati minn Schembri Infrastructures Limited (li qegħdin jiġu kontestati) ġew mitmuma bid-digriet ta' din din l-Onorabbli Qorti fir-rikors revoka fl-ismijiet inversi, dak mogħti fl-20 ta' Lulju 2017, u għaldaqstant, ma hemmx skop li jinżamm il-mandat:***

*Fid-digriet tagħha, din l-istess Onorabbli Qorti irrevokat il-mandat intavolat mis-soċjetà esponenti (li dwaru talbet il-ħruġ tal-mandat is-soċjetà Schembri Infrastructure Limited) fil-konfront ta' tliet kontijiet bankarji, u ċioè l-kont BOV numru 40023419256; 2. Il-kont BOV numru 40024424525; u 3. Il-kont BOV numru 40024562209. Effettivament allura, minn dakinhar kwalunkwe effetti dannużi reklamati (li qegħdin jiġu kontestati) minn Schembri Infrastructure spiċċaw għal kollox, u b'hekk allura, il-mandat fil-konfront tal-esponenti jista' liberament jiġi revokat.*

***E. F'kull każ, u wkoll b'mod għal kollox sussidjarju, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-somma xorta waħda trid titnaqqas biex tirrifletti d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rikors revoka fl-ismijiet inversi, dak mogħti fl-20 ta' Lulju 2017:***

*Is-soċjetà Schembri Infrastructured Limited waslet għas-somma ta' €84,000 li hija qegħda tikkawtela, billi qabdet u ikkalkolat rata ta' 6% fuq is-somma ta' €175,000 (is-somma mitluba mis-soċjetà esponenti fil-mandat tagħha inizjalment) u immultiplikatha bi tmien snin (€175,000 x 6% x 8 snin =*

*€84,000). Bid-digriet tagħha tal-20 ta' Lulju 2017, din l-Onorabbli Qorti irriduċiet is-somma fil-mandat tas-soċjetà esponenti minn €175,000 għal €64,000. Ifisser illi f'kull każ, is-somma trid tiġi aġġustata (dejjem jekk il-Qorti timxi bl-istess rata' arbitrarja ta' 6% X tmien snin kawża – kalkolu li l-esponenti ttenni li huwa insostenibbli għax ibbażat fuq ix-xejn), biex b'hekk, is-somma totali tiġi €30,720 (€64,000 x 6% x 8 snin = €30,720). Jiġifieri fl-agħar ipoteżi, u dejjem b'mod sussidjarju, is-somma kawtelata minn Schembri Infrastructures Limited trid dejjem tiġi ridimensjonata biex tirrifletti l-bidla fiċ-ċirkostanzi maħluqa mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti stess.*

*Konklużjoni*

12. *In vista ta' dak suespost, hija l-fehma tas-soċjetà esponenti illi jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jitneħħa ossia jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru odjern, mandat li s-soċjetà esponenti ġiet kostretta ssoffri anke jekk ġie intavolat għal kollox inġustament. Il-mod kif ġie intavolat dan il-mandat huwa evidenti tal-iskopijiet tas-soċjetà sekwestranti Schembri Infrastructures Limited, li tivvinta pretensjonijiet li ma jeżistux, tikkalkulahom fuq ammonti ipotetiċi naxxenti mix-xejn, imbasta tweġġa kemm tista' lill-esponenti.*

13. *Għar-raġunijiet hawn fuq sottomessi, u partikolarment stante l-evidenti malizzja b'liema ġiet intavolata t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern – li sar biss għax irċevew mandat huma, l-esponenti qegħdin minn issa jinvokaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 (8) (b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar il-penali, ingħad illi din "hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż..." Kompliet il-Qorti* ***f'Paul Attard noe vs Loreto Abela*** *(diġà kwotat) illi: "Il-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun". Huwa proprju dan l-ilment tal-esponenti; illi ċ-ċirkostanzi odjerni kif spjegat fid-dettal aktar 'l fuq ma jħallu l-ebda dubju għall-intenzjonijiet wara t-talba għall-ħruġ tal-mandat.*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu illi prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja fiċ-ċirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:*

1. *tirrevoka konsegwentement il-mandat ta' sekwestru bin-numru 898/17 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ jew parzjali, u dan ai termini tal-artikolu 836 (1) (a), (b), (d), u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *tikkundanna, għar-raġunijiet mogħtija mill-artikolu 836 (8) (b) u/jew (d) tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, lis-sekwestranti Schembri Infrastructures Limited sabiex iħallsu l-penali sal-massimu maħsub mil-liġi, li tmur għand ir-rikorrenti Ultralux Furniture Limited, u dan ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   *Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż kontra Schembri Infrastructure Limited.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta' Schembri Infrastructures Limited datata fit-13 ta' Settembru 2017, a fol 33 et seqq., li taqra hekk;

*Tesponi bir-rispett:*

*ILLI l-esponenti tattira l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li hija gia cediet il-mandat in kwistjoni kompletament minghajr pregudizzju sabiex tirregola ruhha ahjar u ghalhekk tghid li l-mertu ta' dan ir-rikors jinsab superat.*

Rat in-nota ta' Schembri Infrastructures Ltd, datata fl-4 ta' Ottubru 2017, a fol 39;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Lawrence Galea, Direttur ta' Ultralux Furniture Limited** xehed a fol 43 *et. seqq.* illi s-socjeta sekwestranti kienet ghamlet xi xogholijiet fit-triq li kien hemm magenb il-fabbrika taghhom u graw hsarat kbar, konsegwentement, giet intavolata kawza l-Qorti kif ukoll mandat ta' sekwestru. Spjega li sussegwentement Schembri Infrastructure Limited intavolat mandat kontra taghhom ghas-somma ta' €85,000. Kompla li ma jistghax jifhem ghaliex gie intavolat dan il-mandat, meta hemm biss kont ta' xi €4,000, rigward liema kien qalilhom li kien lest li jhallas. Spjega li n-negozju tieghu gie affetwat b'dan is-sekwestru ghaliex ma jistghax jordna xoghol minn barra, u peress li ma kellhomx *stock* bizzejjed, qed ikollhom jixtru xi affarijiet lokalment bi prezz doppju u m'humiex moqdija professjonalment. Qal illi ghalkemm l-avukat tieghu informah li kien ircieva nota li l-mandat tnehha, l-Banif Bank qallu li fis-sistema taghhom, dan ma jidhirx.

**In kontro-ezami** ikkonferma illi l-mandat intavolat mill-kumpanija tieghu gie ridott, izda qal li ma jafx jekk is-socjeta' Schembri Infrastructure Limited ikkawtelatx l-ammont billi ddepozitat garanzija. Mistoqsi jekk ghamilx xi garanzija jew xi haga biex inehhi l-effetti tal-mandat, wiegeb illi m'ghandu jaghmel xejn ghaliex hu m'ghamel xejn.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi s-socjeta sekwestranta prezentat kontro-mandat fit-13 ta' Settembru 2017, liema kontro-mandat giet akkordat fl-14 ta' Settembru 2017. Dan il-kontro-mandat jidher li gie nnotifikat lil banek kollha sat-18 ta' Settembru 2017. Ghalhekk jidher illi l-meritu tal-ewwel talba huwa ezawrit u l-Qorti ser tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi pero, nonostante l-hrug ta' dan il-kontro-mandat, fil-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2017, is-socjeta sekwestrata insistiet fuq it-tieni talba taghha ghall-imposizzjoni ta' penali fuq is-socjeta sekwestranti, u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddetermina din it-talba.

It-talba ghall-penali taht l-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija sanzjoni fakoltativa imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-

subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[3] L- Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 huwa wiehed ta' Ordni Pubbliku bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament.[4]

Ghalhekk il-Qorti tkun tenuta li timponi dawn il-penali biss fejn jirrizultaw l-estremi indikati mill-ligi, u cioe:

a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;
b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall- ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;
c) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;
d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

Kif gie ritenut ripetutament minn dawn il-Qrati, minn jagixxi biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu ma jistghax jigi punit talli ghamel dan, anki f'kaz fejn l-azzjoni tieghu ma jkollhiex ezitu favorevoli.[5]

Skont is-sub inciz 8 (b) tal-Artikolu 836, il-Qorti tista' timponi penali fuq is-sekwestrant jekk, meta s-sekwestrat jitlob ir-revoka tal-mandat, is-sekwestrant jonqos milli jressaq

[3] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.
[4] **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Awissu 2013; **Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Awissu 2012; **Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Marzu 2003; **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**, Qorti tal-Appell Civili, deciza 13 ta' Marzu 2001.
[5] **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014; **Emanuel Gauci noe et vs Michelina Bugeja et**, Qorti tal-Magistrati, deciza 6 ta' Mejju 2014; **Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis vs Joan sive Jane Pace**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' Settembru 2001.

gustifikazzjoni ghall-mandat li tieghu qed tintalab ir-revoka, jew jekk ma kienx hemm interpellazzjoni ghall-hlas qabel ma gie intavolat il-mandat, sakemm dan in-nuqqas ma kienx rizultat ta' urgenza.

Il-Qorti rat illi s-socjeta sekwestranta naqset ghal kollox milli tressaq gustifikazjoni ghal hrug tal-mandat odjern. Il-Qorti taghraf illi dan huwa ghaliex in risposta ghar-rikors intavolat minn Ultralux Furniture Limited, is-socjeta sekwestranta harget kontro-mandat sabiex tittermina l-effetti ta' dan il-mandat kontra s-socjeta sekwestrata. Pero, konsiderat illi s-socjeta sekwestrata zammet ferm it-talba taghha ghal hlas ta' penali, kien ikun ghaqli ghas-socjeta sekwestranti li tressaq gustifikazzjoni xierqa ghal hrug ta' dan il-mandat. Il-Qorti tqis pero illi f'dan il-kaz ma jkunx xieraq li jigu mposta penali ai termini ta' dan is-sub-inciz.

Fir-rigward tas-sub-inciz (d) intqal illi l-buona fede hija prezunta u l-hazen irid jigi provat.[6] Ghalhekk min jissolleva l-malizja u l-frivolita jehtieg illi jipprovahom.[7] Il-Qorti taghraf illi l-ligi tipprovdi ghall-procedura specifika biex persuna suggetta ghall-mandat ta' sekwestru tkun tista' mhux biss titlob li tigi mposta piena fuq is-sekwestrant ghal ragunijiet specifici, bhal m'hu qed isir f'dan il-kaz, izda anke taghti lis-sekwestrat il-fakulta li jitlob lil Qorti li s-sekwestrant jigi mgieghel jaghti garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali, danni u imghax, ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Filfatt, is-socjeta sekwestranta kienet talbet lil Qorti sabiex tiffissa garanzija xierqa ghad-danni li jistghu talvolta jigu sofferti minnha a kawza tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontriha minn Ultralux Furniture Limited, u dan permezz ta' rikors datat 16 ta' Gunju 2017. Din it-talba kienet giet michuda minn din il-Qorti, illi hasset illi ma kienx hemm ragunijiet sufficjenti sabiex jinghata dan l-ordni. Kien imbaghad ftit tal-jiem biss wara, u cioe fil-21 ta' Gunju 2017 li s-socjeta sekwestranti intavolat il-mandat odjern. Il-Qorti tqis illi f'dawn il-cirkostanzi, jidher car illi s-socjeta sekwestranta qed tikkommetti abbuz tal-prodecura tal-mandat ta' sekwestru, sabiex gialadarba m'ghaddietx mill-bieb, tghaddi mit-tieqa. Filfatt, hi stess lanqas biss indenjat ruhha tressaq gustifikazzjoni ghall-intavolar ta' dan il-mandat. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba tas-socjeta sekwestrata ghal-imposizzjoni ta' penali hija fondata, ghalkemm il-Qorti ma taqbilx illi din ghandha tkun

[6] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.
[7] **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014.

fil-massimu, u dan tenut kont specjalment tal-fatt illi dan il-mandat kien in vigore ghal ftit inqas minn tliet xhur.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba peress illi giet issorvolata fid-dawl tal-kontro-mandat numru 1336/17, tilqa' in parte t-tieni talba tas-socjeta sekwestrata, u tordna lis-socjeta sekwestranta thallas lis-socjeta sekwestrata is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500), rapprezentanti penali imposti ai termini tal-Artikolu 836 (8) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta sekwestranta.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**